28 ta' Ottubru, 1946

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Farrugia

**Reat ta' min jibgħat bil-Posta Artikoli Indeċenti, Oxxeni, jew Empji — Delitt — Kontravvenzjoni — Preskrizzjoni — "Impious Articles" — "Mens Rea" — Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta — Art. 7 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 28 ta' l-Att Dwar l-Uffiċċju tal-Posta (Kap. 85).**

*Il-kriterju adottat mill-leġislatur malti biex jiġi stabbilit liema preskrizzjoni hija applikabili għall-azzjoni kriminali huwa dak tal-piena li għalih huwa suġġett ir-reat li jkun. Kriterji oħra, għalkemm teorikament huma aktar preċiżi, fil-prattika però jġibu konfużjoni.*

*Għaldaqstant il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali kontra min jirrendi ruħu ħati tar-reat kontemplat fl-art. 28 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta (Kap. 85) mhijiex dik ta' tliet xhur preskritta għall-kontravvenzjonijiet, imma dik ta' sentejn preskritta għar-reati; għaliex l-Att fuq imsemmi għal dak ir-reat jippreskrivi l-pieni tad-delitti, u mhux tal-kontravvenzjonijiet, u għalhekk jikkunsidrah bħala delitt.*

*Il-liġijiet inkorporati fl-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta għadhom dawk stess li kienu qabel, u bdew isehhu mill-jum tar-rispettiva promulgazzjoni ta' l-Edizzjoni Riveduta. Għalhekk mhix sostenibili l-allegazzjoni illi d-dispożizzjonijiet kontenuti f'dik l-Edizzjoni ma humiex applikabili għal reati li ġew kommessi qabel ma ġiet promulgata dik l-Edizzjoni Riveduta.*

*L-imsemmi art. 28 tal-Kap. 85 jikkontempla r-reat ta' min jibghat bil-posta kotba, stampi, kitba, u kull xorta ta' artikoli jew oġġetti li huma "indecent, obscene or impious".*

*Il-kelma "impious" fil-materja hija ekwipollenti ghall-kelma "blasphemous".*

*Biex il-ktieb jew artikolu nkriminat jista' jitqies bhala "impious", mhux biżżejjed li jkun fih u jesprimi veduti kontra xi reliġjon partikulari, u, hawn Malta, mhux biżżejjed li jesprimi veduti anti kattoliċi; imma hemm bżonn illi dawk il-veduti jkunu espressi bi kliem offensiv li jissorpassa l-limiti tal-kontroversja deċenti u li jweġġa' s-sentimenti reliġjużi ta' hadd iehor. Il-fatt biss li l-materja nkriminata jkun fiha erruri dommatiċi u sentimenti anti-kattoliċi ma jirrendix "impious" dik il-materja, u kwindi ma jirrendix passibili ta' dan ir-reat lil min jibghat bil-posta dik il-materja.*

*Min jibghat bil-posta materja simili ma jistax jallega li ma kellux "mens rea", billi jghid illi huwa ma kellux il-ktieb li jqarraq lil hadd iehor, jew li huwa baghat l-artikolu nkriminat lill-persuni kolti u mhux ta' ftit edukazzjoni; ghax la darba dak l-artikolu jikkontjeni espressjonijiet li jeċċedu l-limiti tad-deċenza fil-kontroversji u joffendi s-sentimenti reliġjużi ta' hadd iehor, ghandu jiġi ritenut li min baghat bil-posta dik il-materja ried fil-fatt joffendi dawk is-sentimenti reliġjużi; jiġifieri ried dak li huwa l-effett naturali ta' l-att li huwa ried u ghamel volontarjament.*

Dan hu appell ta' l-imputat kontra s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fl-20 ta' Awissu 1946, li biha ġie misjub hati talli f'dawn l-ahhar sentejn, b'attjiet eżekutivi ta' l-istess riżoluzzjoni, kiser l-art. 28 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta (Kap. 85), billi baghat bil-posta oġġetti li joffendu r-Reliġjon, u ġie kundannat ghall-piena tal-priġunerija ghal żmien hmistax il-ġurnata, minbarra li ġiet ordnata l-konfiska tal-kotba eżibiti;

Trattat l-appell............ din il-Qorti kkunsidrat;

Ghandu jinghad, l-ewwelnett, illi l-indaġini ta' fatt ġiet dispensata f'din is-sedi ta' l-appell bid-dikjarazzjoni, maghmula mid-difensur ta' l-appellant fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 1946, u verbalizzata fol. 21 ta' dan l-inkartament, illi ma hux kontestat illi l-kotba nkriminati ġew fil-fatt impustati mill-imputat, u illi l-kotba l-ohra eżibiti kienu fil-fatt fil-

poter tiegħu. Għalhekk hu paċifiku illi, apparti l-kotba li nstabu d-dar ta' l-imputat u dawk li hu kkonsenja spontaneament lill-Pulizija wara l-perkwiżizzjoni, it-tliet kotba l-oħra bit-titolu "Intolerance", "Religion reaps the whirlwind", u "Hope", (indirizzati t-tieni u t-tielet lil Dr. Caruana Curran u lil Dr. Miceli rispettivament, u konsenjat l-ewwel wieħed lir-Reverendu Saċerdot Bartoli Galea mid-destinatarju), kif ukoll id-dsatax-il ktieb miżmuma mill-Postmaster General fit-transitu tagħhom mill-Posta, ġew impustati mill-imputat;

L-ewwel kwistjoni sollevata mid-difiża hija dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni. Id-difiża ssostni, infatti, illi r-reat ("offence") li bih jinsab addebitat l-appellant ma hux delitt, imma kontravvenzjoni, u li għaliekk, skond l-art. 683 (f) Kap. 12, l-azzjoni kriminali relativa tinsab preskritta bl-għeluq ta' tliet xhur. Ma hux kontrastat li l-fatt sar qabel Awissu ta' l-1945, mentri l-proċeduri nbdew fl-ewwel ta' Awissu 1946. Il-Prosekuzzjoni ssostni, inveċi, illi r-reat huwa delitt, u li għalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni hu ta' sentejn, skond l-art. 683 fl-inċiż (e) tiegħu;

Dan il-pont ġie diġà riżolut mill-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin. Ġie ritenut fil-kawża "Francesco Azzopardi vs. Dr. Mizzi", App. Ċiv. Sup. 9 ta' Novembru 1917, App. Krim. "Pulizija vs. Gatt", 27 ta' Marzu 1942, "Pulizija vs. Vella" 26 ta' Novembru 1943, u "Pulizija vs. Mifsud" 9 ta' Frar 1944, illi l-kriterju, mhux teoriku, imma prattiku, adottat mill-leġislatur malti fl-art. 7 tal-Kap. 12, hu dak tal-piena. Fis-sentenza l-aħħar ċitata ġie osservat illi, għalkemm kriterji oħra jistgħu jidhru aktar preċiżi, fil-fatt iġibu konfużjoni, u l-kriterju tal-piena hu aktar żgur, u in sostanza jirrifletti l-kriterju teoriku tal-gravità tar-reat; għaliex hu preżumibili illi l-leġislatur jikkommina piena aktar serja meta l-fatt kriminuż ikun aktar gravi;

Issa, f'dan il-każ, reat taħt l-art. 28 tal-Kap. 85 iġib il-piena jew tal-multa, jew tad-detenzjoni, jew tal-priġunerija. Id-detenzjoni (ara art. 7 Kap. 12) hija piena tal-kontravvenzjonijiet, imma l-multa u l-priġunerija huma pieni tad-delitti. Għalhekk il-piena dominanti hi dik tad-delitti (priġunerija jew multa, li fin-nuqqas ta' ħlas tiġi konvertita fi priġunerija),

u r-reat għandu jitqies delitt. Dan apparti l-konsiderazzjoni illi r-reati kontemplati fl-art. 28 ma jistgħux raġjonevolment jitqiesu li huma kontravvenzjonijiet, li ġeneralment jiġu nkriminati mhux għaliex "mala per se", imma għaliex jikkonkorri motiv ieħor ta' prevenzjoni, bħal każ ta' "public nuisance", u li fihom, in linja ta' massima, il-"moral blame" tkun nulla jew ta' entità traskurabili;

Għalhekk din l-ewwel deduzzjoni tad-difiża ma hijiex attendibili. Il-preskrizzjoni applikabili hi dik bijennali, u ma hux kontrastat li dan it-terminu ta' sentejn ma għaddhiex;

Id-difiża, fir-rikors u anki fit-trattazzjoni, issollevat ukoll il-kwistjoni ta' l-inapplikabilità tal-liġi ċitata mill-Ewwel Qorti, jiġifieri l-Kap. 12 u l-Kap. 85 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta. Ingħad illi meta sar dan il-fatt addebitat lill-appellant, l-Edizzjoni Riveduta kienet għadha ma ħarġetx;

Din id-deduzzjoni bil-fors hi dovuta għall-impressjoni totalment żbaljata ta' l-indoli tar-Revised Edition. Hu sempliċement assurd li wieħed jitkellem fuq il-liġijiet ta' qabel l-Edition bħalli kieku dawn ġew revokati u promulgati mill-ġdid bl-Edizzjoni. Il-liġijiet inkorporati fl-Edition għadhom dawk li kienu, u bdew iseħħu, kull waħda, fid-data tal-promulgazzjoni rispettiva, u mhux affattu mid-data ta' l-Edition. L-Edition, fi kliem Sir Alison Russell, fi trattat minnu publikat fl-1938, "Legislative Drafting and Forms", hija ntiża biss "to make available in convenient form all the statute law that is really living, and no more, and to clear up difficulties arising from what James J. called 'divers cross and cuffing statutes, and some so penned that they may be taken in divers, yea, contrary senses' " (pp. 301-302). Is-setgħat mogħtijin lil Commissioner bil-liġi (Ord. XXVI ta' l-1936) ma ħolqux liġijiet ġodda. Fejn kien hemm bżonn ta' emendi li kienu jmorru aktar 'il hemm minn alterazzjonijiet verbali, saru liġijiet ġodda "ad hoc", debitament promulgati bid-data tagħhom rispettiva. Il-Proklama tal-Gvernatur (tas-17 ta' Jannar 1946—Gazzetta tal-Gvern no. 9399) ma għamletx ħlief tiddikjara illi t-test waħdieni, tajjeb u awtentiku, tal-liġijiet, hu dak ta' l-Edition—xejn aktar; u ma ppromulgatx il-liġijiet inkorporati fl-Edition mill-ġdid;

Għalhekk dan il-mezz tad-difiża hu assolutament insussistenti; u anki fis-sentenza appellata, id-dizzjoni użata f'xi konsiderando (fol. 10), fejn jissemma l-Att III ta' l-1924 bħalli kieku kien xi liġi diversa mill-Kap. 85, hi improprja;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-art. 28 Kap. 85, li taħtu ġiet miġjuba l-imputazzjoni, jgħid hekk :— "No person shall send by post any indecent or obscene print, picture, photograph, litograph, engraving, book, card, or any other indecent, obscene, or impious article..........";

Il-parti rilevanti għal din il-ka ża qiegħda fil-kliem "impious article";

A propożitu tal-lokuzzjoni użata, id-difiża, sew fir-rikors ta' l-appell, kemm fit-trattazzjoni tal-kawża, osservat illi, peress li fl-ewwel biċċa ta' l-artikolu, fejn hemm biss il-kliem "indecent or obscene", jissemmew speċifikatament l-oġġetti kontemplati bħala hekk "indecent or obscene", u peress li fit-tieni parti, fejn mal-kliem "indecent" u "obscene" tiżdied l-alternativa ta' "impious", jingħad "any other article", għalhekk, kwantu għal dak li hu "impious", id-difiża tippretendi li l-oġġett għandu jkun xi oġġett divers minn dawk partikolareġġjati fl-ewwel biċċa ta' l-artikolu. Però dina l-interpretazzjoni ma hijiex aċċettabili, għaliex hi tali pratikament li tinnewtralizza d-dispożizzjoni għal dak li jirrigwarda "impious articles", kontra l-prinċipju illi "semper ea est arcenda interpretatio qua lex omni ratione destituatur"; u tidher aktar loġika l-interpretazzjoni illi hi projbita l-impostazzjoni ta' dawk l-oġġetti u ta' kull oġġett ieħor, jekk hu "indecent, obscene or impious"—liema interpretazzjoni hi konformi anki mat-test antik taljan li kien jgħid "nessuno può spedire per posta, stampati, pitture, fotografie, litografie, incisioni, libri, cartoline, od altre cose indecenti, oscene od empie..........." Ċert hu illi, anki fl-espressjoni "any other article" hemm il-kelma "article" li, in riferenza għall-posta, tikkomprendi, skond it-tieni artikolu nterpretativ tal-liġi, "any printed matter";

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kwistjoni kollha qiegħda, kif tajjeb u bi studju enkomjabili tal-każ argumenta d-difensur ta' l-appellant, "jekk fil-kotba nkriminati hemmx jew le materja li tista' titqies 'impious' ". Dan hu l-"punctum saliens" ta' dan l-appell;

Meta jingħad "il-kotba nkriminati" qegħdin jiġu kompriżi anki dawk id-dsatax-il wieħed li ġew miżmuma fit-transitu tagħhom mill-posta; għaliex il-liġi (art. 48 (2) Kap. 85) tgħid espressament illi "the detention in the post office of any postal article, on the ground of its having been sent in contravention of the provisions of sections 26, 27 or 28, shall not exempt the sender from any proceedings which might have been taken if the postal article had been delivered in due course of post". Għalhekk, minbarra t-tlieta li fil-fatt ġew f'idejn id-destinatarju, jistgħu għall-finijiet ta' l-imputazzjoni taħt l-art. 28, jitqiesu — s'intendi jekk ikun hemm bżonn — anki dawk id-dsatax-il ktieb li ġew miżmuma;

Ikkunsidrat;

Hu ta' l-akbar importanza li jiġi rilevat illi l-eżami tal-Qorti għandu jiġi limitat, stante t-termini ta' l-imputazzjoni u l-lokuzzjoni tal-liġi li taħtha saret din l-imputazzjoni, għall-pont fuq imsemmi — "jekk il-kontenut tal-kotba hux 'impious' jew le, b'dak kollu li timporta l-kelma 'impious' ";

Fost il-liġijiet statutarji ta' Malta hemm dispożizzjonijiet oħra "in pari materia". Hekk, fl-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12, hemm kontemplat ir-reat ta' kull min, bi kliem, b'ġesti, b'kitba, stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezz ieħor viżibili, ikasbar publikament ir-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, inkella joffendi r-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana billi jkasbar lil dawk li huma ta' din ir-Reliġjon jew lill-Ministri tagħha, jew kull ħaġa li tkun oġġett ta' devozzjoni tar-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, jew li tkun ikkonsagrata jew destinata biss għad-devozzjoni ta' din ir-Reliġjon; u in forza ta' l-art. 43 idem, jista' jkun responsabili min ikun kompliċi, billi xjentement jaġevola l-preparazzjoni jew konsumazzjoni tar-reat, per eżempju bit-tqassim ta' stampati. Hekk ukoll, il-Liġi ta' l-Istampa (Kap. 117) tikkontempla r-reat ta' min jinġurja eċċ. lill-Isqof ta' Malta jew ta' Għawdex (art. 6), kif ukoll ir-reat ta' min ikasbar lill-Qdusija Tiegħu l-Papa; u fl-art 9 idem il-liġi tolqot il-fatt ta'

min iqassam stampati b'ingurji jew bi tkasbir simili;

Imma l-imputazzjoni odjerna hi bażata mhux fuq dawn *il-liġijiet, imma biss fuq* l-art. 28 tal-Kap. 85, u l-Qorti għandha għalhekk bilfors tirrestrinġi ruħha għall-eżami hekk limitat. Appena hemm bżonn jiżdied illi, peress li l-imputazzjoni hi "in foro saeculari", ir-raġunamenti tal-Qorti għandhom jiġu ristretti għall-punto di vista legali, apparti dak li, fil-*kamp morali, jista' jkun dnub;*

Biex jista' jiġi riżolut il-pont devolut f'dan l-appell, hemm bżonn li jiġi stabbilit xi tfisser legalment il-kelma "impious". Il-Qorti hi ta' fehma illi għandha tikkonċentra aktarx *fuq* il-kelma "impious" tat-test Ingliż milli fuq il-kliem "li joffendu r-Reliġjon" tat-test Malti; għaliex, mentri dan it-test hu reċenti, b'mod li għad ma kienx hemm opportunità li jiġi kommentat mid-dottrina u l-ġurisprudenza, il-kelma użata fit-test Ingliż tista' tiġi aktar preċiżata fil-portata tagħha bil-kommenti li, minn żmien, saru minn awturi u *f'ġudikati*. Del resto, l-ispirtu tal-klawsola 49 (1) tal-Letters Patent ta' l-1939 hu li, f'każijiet simili, għandu jkollu preferenza t-test Ingliż;

L-Imħallef sedenti, wara li rrifletta fuq dan il-pont in bażi għall-istudji dottrinali u ġurisprudenzjali, hu ta' l-opinjoni illi l-kelma "impious" hija ekwipollenti għall-kelma "blasphemous" f'dan il-kontest. Difatti, meta aktar 'il quddiem jiġu ċitati interpretazzjonijiet ta' l-espressjoni "blasphemous", wieħed jinnota illi *f'dawk iċ-ċitazzjonijiet* hi wżata bħala ekwipollenti l-kelma "impious"; u għalhekk din il-Qorti qiegħda tekwipara l-interpretazzjoni tal-kelma "impious" għal dik tal-kelma "blasphemous";

Starkie — Ediz. tal-Folkard, 1876, pag. 593 — jgħid hekk: — "The first grand offence of speech and writing is speaking blasphemously against God, or reproachfully concerning religion, with an intent to subvert man's faith in God or to impair his reverence of Him. Blasphemies against God and religion may be *regarded, spiritually*, as acts *of* imbecile and 'impious' hostility against the Almighty, or temporally, as they affect the peace and good order of civil society. It is in the latter relation only that such offences are properly cognisable by municipal laws. To attempt to redress or avenge insults *to a* supreme and omnipotent Creator would be ab-

surd; but when it is considered that such 'impieties' not only tend to weaken and undermine the very foundation on which all human laws must rest, and to dissolve those moral and religious obligations, without the aid of which mere positive laws and penal restraints would be ineffcacious, but also immediately tend to acts of outrage and violence, being, for the most part, gross insults to those who believe in the doctrines which are held up to scorn and contempt, they necessarily become an important subject of municipal coercion and restraint. Offences of this nature are punishable in the temporal courts with fine and imprisonment, because they tend to subvert all religion and morality, which are the foundation of Government". L-istess awtur, fil-paġ. 597, juża darbtejn il-kliem "impious libel", dejjem fis-suġġett ta' "blasphemous publications". U l-Wharton, fil-"Law Lexicon", jiddefinixxi l-kelma "blasphemy" bil-kliem "to speak 'impiously', to revile";

Stabbilit għalhekk illi l-kelma "impious" hi ekwipollenti għall-kelma "blasphemous", il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-ġudikati li kien hemm dwar din il-materja, biex minnhom tiddeduċi x'inhi l-portata tal-kelma "impious", ossija "blasphemous";

Fost id-deċiżjonijiet antiki, dik li hi maġġjorment kwotata hi dik "Rex vs. Taylor" (1676), 1. Ventr. 293, 3 Keble, 607, 621, fejn il-kliem inkriminati kienu illi "Religion is a cheat"; u l-ġudikant, Sir Matthew Hale, a propożitu ta' dan il-każ, kien qal :— "Such kind of wicked, blasphemous words were not only an offence to God and Religion, but a crime against the laws, State and Government, and therefore punishable in this Court; for to say 'Religion is a cheat' is to dissolve all those obligations whereby civil society is preserved, and Christianity is parcel of the laws of England, and therefore to reproach the Christian Religion is to speak in subversion of the law";

Fil-kawża "Rex vs. Woolston', 1 Barnard, 162, 266, il-Prim Imħallef Raymond, a propożitu tal-fatt inkriminat f'dik il-kawża (l-akkużat Woolston kien qal illi l-mirakli ta' Sidna Ġesù Kristu kellhom jiftehmu mhux letteralment, imma allegorikament jew mistikament) hekk qal :— "Christianity in general is parcel of the Common Law of England, and there-

fore to be protected by it. Now, whatever strikes at the very root of Christianity tends manifestly to a dissolution of the civil government. I would have it taken notice of that 'we do not meddle with any differences in opinion, and that we interpose only where the very root of Christianity itself is struck at', as it plainly is by this allegorical scheme, the New Testament and the whole relation of the life and miracles of Christ being denied..........";

Fil-kawża "Rex vs. Ramsey and Foote", 15 Cox. C.C. 231, il-Chief Justice Coleridge hekk qal :— "If the decencies of controversy are observed, even the fundamentals of religion may be attacked without a person being guilty of blasphemous libel..........";

Fil-kawża "Bowman vs. Secular Society Ltd.", 1917. A.C. 406, deċiża mill-House of Lords, Lord Buckmaster (p. 475) esprima ruħu hekk :— "Assuming that the object of the Society involved a denial of Christianity, it was not criminal, in as much as the propagation of anti-Christian doctrines, apart from scurrility or profanity, did not constitute the offence of blasphemy.......... blasphemy is constituted by violent and gross language, and the phrase 'reviling the Christian religion' shows that without vilification there is no offence";

Minn dawn id-deċiżjonijiet l-Imħallef sedenti jidhirlu li jista' jiddeżumi dawn il-prinċipji :—

1. Biex il-kliem inkriminati jidħlu taħt il-kelma "blasphemous" jew "impious", hemm bżonn illi jkunu jirrigwardaw (ara Fraser, "Law of Libel and Slander", page 196; ara wkoll Starkie, Folkard Edition, fl-estratt ġà ċitat fuq), lil Alla, lil xi Persuna tat-Trinità, lis-Sakra Skrittura, lill-Kristjaneżimu in ġenerali, u lir-Reliġjon in ġenerali;

2. Jekk il-publikazzjoni nkriminata tkun tikkonsisti, fil-kliem ta' Sir William Blackstone, "Commentaries, 51, f'"rational and dispassionate discussions", u jekk "the decencies of controversy are observed" (ara kliem ta' Coleridge C.J. fil-kawża fuq ċitata), allura ma hemm xejn li jista' jitqies, legalment (apparti l-morali), "impious"; u għalhekk, biex ikun hemm ir-reat, jeħtieġ illi l-lingwaġġ użat ikun "profane", jew "scurrilous", jew "abusive", jew "intemperate"; appuntu

għaliex b'dan il-mod biss tkun tidher l-intenzjoni ta' l-awtur li joffendi "the religious feelings of others";

Din tidher li hija (dejjem limitatament għall-art. 28 tal-Kap. 85) il-vera pożizzjoni legali — apparti minn dak li hu dmir ta' kattoliku fil-kamp morali skond ma tgħallem il-Knisja, materja li ma tidħolx "in foro saeculari", u apparti wkoll dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, bħal dawk fuq ċitati, li jirrigwardaw il-vilifikazzjoni tar-Reliġjon Kattolika, jew tal-Papa, eċċ.;

Għalhekk, l-Imħallef sedenti ma jirritjenix korretta bħala liġi l-propożizzjoni li fuqha mxiet l-Ewwel Qorti fis-sens li kull kitba, li fiha hemm erruri dommatiċi jew ereżiji, jew sentimenti anti-kattoliċi, għandha titqies "sic et simpliciter" bħala "impious". Jekk ma hemmx lingwaġġ abużiv, jew "intemperate" b'mod li tiġi murija l-intenzjoni ta' min kiteb li joffendi s-sentiment reliġjuż, allura l-kitba ma hijiex, għall-finijiet ta' l-art. 28, "impious";

L-ewwel Qorti rrilevat iċ-ċirkustanza illi, għad li hawn Malta hi rikonoxxuta l-"libertà di culto" (ara infatti l-klawsola 56 (1) tal-Letters Patent 1939, Vol. VI Rev. Edit., fejn jingħad: "'All persons in Malta shall have full liberty of conscience and the free exercise of their respective modes of religious worship), però r-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana hija dikjarata b'liġi (ara Kap. 79) bħala r-Reliġjon ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha; u minn dan l-Ewwel Qorti ġibdet il-konklużjoni li kull ma hu kuntrarju għal dik ir-Reliġjon hu għalhekk "impious". Din li-Qorti ma taqbelx f'dan, għaliex kieku kien hekk, protestant f'Malta lanqas jista' jibgħat bil-posta lil protestant ieħor, per eżempju, il-"Book of Common Prayer" bla ma jaqa' taħt is-sanzjonijiet tal-liġi. Il-kelma "impious" timporta tkasbir tar-Reliġjon bi kliem abużivi, b'mod li jiġi offiż is-sentiment reliġjuż u b'mod li jiġi manifestat il-ħsieb ta' l-imputat li joffendi r-Reliġjon;

Jgħid għalhekk Starkie (lok. ċit. paġ. 600):— "If it can be collected from the circumstances of the publication, from a display of offensive levity, from contumelious and abusive expression applied to sacred persons or subjects, that the design of the author was to occasion that mischief to which the matter which he published immediately tends, to destroy,

or even to weaken men's sense of religious or moral obligations, to insult those who believe by casting contumelious abuse and ridicule upon their doctrines, or to bring the established religion and form of worship into disgrace and contempt, the offence against society is complete";

U fit-trattat tiegħu "On Libel and Slander" l-Odgers jgħid :— "It is the malicious intent to insult the religious feelings of others by profanely scoffing at all they hold sacred, which deserves and receives punishment"; u aktar tard (pag. 404 loc. ċit.) l-istess awtur jgħid li hemm ir-reat "where our religious feelings are insulted and outraged by wanton and unnecessary profanity". U jkompli jgħid :— "There surely it is right that some provision should exist to prevent such an offence to the highest and noblest instincts of our nature";

L-istess il-Fraser jgħid :— "The publication must be made with intent to wound the feelings of believers, or to lead astray the uneducated. This particular intent is the gist of the offence, and is usually inferred from the intemperate and scurrilous tone adopted by the defendant";

Jekk, però, is-sempliċi fatt li kitba tkun kuntrarja għal xi reliġjon partikulari ma hux biżżejjed, u għalhekk ma hux biżżejjed li, hawn Malta, kitba jkollha sentimenti anti-kattoliċi, avvolja r-Reliġjon Kattolika hi r-Reliġjon stabbilita fil-liġi, b'dana kollu però, l-istess fatt jista' jinfluwixxi, fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, fl-apprezzament taċ-ċirkustanzi li jistgħu jinduċu lill-ġudikant biex jirritjeni li s-sentimenti reliġjużi huma offiżi, jew li l-lingwaġġ hu "intemperate". Infatti jidher loġiku li wieħed jirritjeni li f'pajjiż eminentement kattoliku, kliem offensiv li jissorpassa l-limiti tal-kontroversja deċenti dwar prinċipji tar-Reliġjon li jgħożżu l-Kattoliċi, ma jistgħux ħlief iweġġgħulhom is-sentimenti tagħhom ("wound the feelings of believers"—Fraser, p. 196, loc. ċit.). U hekk ukoll, min-naħa l-oħra, jekk malti li jibgħat bil-posta lil maltin oħra, kattoliċi, kotba li fihom ikun hemm kliem "intemperate" dwar affarijiet li, bħala kattoliċi, huma jgħożżu, jidher loġiku li wieħed jirritjeni li l-mittent ried il-konsegwenzi naturali ta' l-aġir tiegħu, jiġifieri li jiġu mweġġgħin is-sentimenti tad-destinatarju. F'dan is-sens biss, għall-finijiet ta' l-art. 28 Kap. 85, jista' jitqies il-fatt tal-karattru anti-katto-

Eku ta' stampati nkriminati, imma ma jistax jingħad li hemm ir-reat, u li l-istampat hu "impious" sempliċement għaliex jesprimi veduti anti-kattoliċi;

Stabbiliti dawn il-prinċipji, l-eżami tal-Qorti għandu issa jiġi dirett għall-investigazzjoni tal-kontenut tal-kotba f'dan il-każ partikulari. L-Ewwel Qorti, peress li rriteniet li kien biżżejjed, għall-finijiet tar-reat taħt l-art. 28 fuq imsemmi, il-karattru anti-kattoliku, ikkunsidrat suffiċjenti d-dikjarazzjoni, affermanti dak il-karattru, magħmula fix-xhieda tar-Reverendu Saċerdot Bartoli Galea. Peress, però, li l-Imħallef sedenti jirritjeni li hemm bżonn illi, minħabba li jiġu espressi opinjonijiet anti-kattoliċi, jew eretiċi, jew opinjonijiet li jkun fihom errori dommatiċi, illi jkun hemm il-vilifikazzjoni, ossija kliem offensivi, għalhekk din il-Qorti eżaminat neċessarjament il-kotba in kwistjoni;

Fil-ktieb intitolat "Hope" l-awtur jidħol fil-kwistjoni tal-Purgatorju. Kif jaf kull kattoliku, fid-"Decretum De Purgatorio", Trid. Sess. XXV, jingħad illi l-Knisja Kattolika, illuminata mill-Ispirtu Santu, għallmet dejjem, skond is-Sagri Skritturi u t-tradizzjonijiet tas-Santi Padri, illi jeżisti l-Purgatorju, u illi l-erwieħ li hemm fih jiġu assistiti bis-suffraġji tal-fedeli, partikolarment bis-Sagrifiċċju ta' l-Altar. Kieku l-awtur innega biss l-eżistenza tal-Purgatorju u ġieb, f'mod "sober" u "temperate", argumenti favur it-teżi kuntrarja tiegħu, allura—apparti dejjem il-kamp tal-morali—ma kienx jista' jingħad illi hemm xi ħaġa "impious". Iżda din il-Qorti jidhrilha illi "the decencies of controversy" ma ġewx osservati. Jingħad infatti fil-ktieb, fost affarijiet oħra :— "The so-called Gregory the Great was Pope of the Roman Catholic sect from 595 to 604. He was subject to epileptic fits and went into trances, being bound by the demon's power. In one of such trances the demons poured into his mind frightful visions of a purgatory of fire and torments. This Pope, over 500 years after Jesus and the Apostles died, was the one who made the fiery "purgatory" a part of the doctrine of Roman Catholic Religion". Aktar tard jingħad :— "The entire purgatory scheme, with its system of high and low masses at corresponding money rates, is a base fraud, as will more fully appear in the course of this discussion. It is obtaining money under

false pretences—which crime is a blasphemy against God. Why, then, is it not punished by law? Because it is committed under the hypocritical cloak of religion, the priestly perpetrators of the crime claiming they are beyond the power of secular courts and amenable only to the court of God........";

Aktar 'il quddiem, a propożitu ta' l-istess suġġett, jinghad :— "In other words — Mr. Lovejoy observed — if the enemies of God went down into their underground air-raid shelters, Jehovah God would reach down and get them there. The papers report that the Pope has such an air-raid shelter". Fil-paġ. 32 ta' l-istess ktieb l-awtur jehodha kontra l-prinċipju ta' l-immortalità tar-ruħ. Anki hawn hu, però, ma jillimitax ruħu għall-argumenti esposti, kif qal Erskine J. in "Shore vs. Wilson". 9 C.1 and Fin. pp. 524, 525, "soberly and reverently", imma juża lingwaġġ abużiv, u forsi anki, fil-parti fejn jissemma Rex, "offensive levity". Infatti jinghad hekk :— "What is a soul? Religion's idea thereof is the heathen's idea, and hence issues forth from the demons. Therefore we must at the outset discard what religion teaches..........." U aktar l-isfel, fil-paġ. 33, hemm hekk :— "Oh, Mr. Hopewell—chirped up attentive Deborah—according to that definition, why, even our dog Rex is a soul, although the preachers say that dogs, cats and other animals don't have souls. Your pet Rex is a soul. The Bible plainly teaches that before God created the human soul on earth he created animal souls to inhabit the land and sky and waters of the sea". Fil-paġ. 36 "the immortal soul doctrine" tissejjaħ "heathenish";

Fil-ktieb "Religion Reaps the Whirlwind" il-kittieb jibda biex jgħid "Shall the world go religious to prevent a third world war?" U aktar 'il quddiem jattribwixxi għar-reliġjon il-fatt ta' żewġ gwerer, u jgħid : "If religion has twice shown itself helpless to prevent world war, if also provocative of it, will 'organised religion' not bear a heavy responsibility for a third such visitation upon tortured humanity?" Fil-paġ. 14 jingħad illi "religion has in reality been practising demonism". Fil-paġ. 27 jiġi diskuss dak li hemm jissejjaħ "the so-called sacrifice of the Mass", u l-awtur jikkwalifika "the practice of saying prayers for souls supposed to be in purgatory"

bħala "diabolical fraudulent, and working injury to mankind";

Aktar 'il quddiem, f'dan il-ktieb, l-awtur jidħol fid-domma tat-Trinità—dak il-Misteru li hu l-bażi tar-Reliġjon, u li l-Konċilju Tridentin fil-Katekiżmu għallem (i. 1. 4) li għandu jiġi kunsidrat taħt tliet aspetti: l-Ewwel Persuna u l-Kreazzjoni; it-Tieni Persuna u r-Redenzjoni; u t-Tielet Persuna bħala fonti ta' Santifikazzjoni. Ma' l-argumenti kuntrarji tiegħu l-awtur iżid dawn il-kliem:— "The doctrine of the Trinity is drawn from heathen religions, which taught a trinity of demon gods........... Hence too the Trinity doctrine is borrowed from demonism". Fil-paġ. 50 jingħad illi "in many religious organisations, images and paintings are used in worship"; u mbagħad jingħad "this shows that the usage originated with Satan the devil to deceive the people". Fil-paġ. 58 jingħad:— "The mask is down! The truth of God's Word has ripped it off, and 'organised religion' stands exposed as being not of the Lord God and Christ, but of their enemy Satan the Devil. It stands stripped of its Christian professions, and stands naked as being demonism. Religion is revealed as the unchangeable foe of Christianity";

Il-ktieb intitolat "Intolerance" oriġina minn inċident fi New Jersey, u diversi mill-invettivi huma diretti kontra dawk li ħadu parti f'dan l-inċident; iżda hemm anki attakki aktar ġenerali. Jingħad fil-paġ. 19:— "Following the days of the Apostles, true Christianity continued to grow, and the Roman Emperor Constantine, manifestly for a selfish purpose, formed a state religion and labelled it Christianity on earth". Fil-paġ. 30, għal "clergy" ta' "organised Christianity", jingħad:— "By their action they have identified themselves as being against God and for his enemy the Devil". Fil-paġ. 40 għal "Catholic Hierarchy", jingħad:— "They have practised religion and use it as a means of extracting great amounts of money from the poor and honest people. They tell the people each side to pay one-half the cost. You must choose whether to follow the Devil's representatives or to follow Christ. You must hear the truth in order to know which way to go. The truth is found only in the words of Jehovah God". Sija fil-qoxra ta' barra, sija paġ. 151, hemm stampa li

tirrappreżenta, fost oħrajn, membru tal-kleru f'mod li ma hux ċertament rispettuż;

Minn dawn l-estratti li, biex tiftiehem is-sentenza, il-Qorti tabilfors kellha tirriproduċi, jidher illi min kiteb dawk it-tliet kotba ma żammx ruħu fil-"limits of decent controversy". Ma' argumenti li, anki jekk fallaċi, jistgħu almenu jitqiesu "dispassionate", huwa żied "fanatical abuse" u "scurrilous attacks upon individuals". Id-Dottrini tal-Fidi Nisranija ġew mhux biss kombattuti b'argumenti li, anki jekk żbaljati, almenu huma temperati fit-ton, imma ma' dawn l-argumenti żdiedet l-irriverenza u li "scoffing", flimkien ma' imputazzjonijiet gravi ta' diżonestà fuq "sacred persons" u "objects". Biex tiġi kombattuta d-dottrina tal-Purgatorju ma kienx hemm bżonn jissemma l-allegat inċident ta' Gregory the Great, u lanqas kien hemm bżonn li jintużaw il-kliem "fraud" u dawk ta' "obtaining money under false pretences", u lanqas ta' l-"air raid shelter", ammenokkè l-awtur ma riedx jixħet ir-ridikolu fuq dak li kien qiegħed jattakka. Biex tiġi kombattuta d-dottrina ta' l-immortalità tar-ruħ, ma hemmx bżonn li tissejjaħ bħala li tiġi "from the demons", u lanqas jissemmew l-annimali. L-aġġettivi ta' "diabolical, deceptive, fraudulent..........." ma kienx meħtieġa biex l-awtur jgħid dak li deherlu li ried jgħid fuq is-suffraġji għall-erwieħ tal-Purgatorju. Biex jiġi kombattut il-Misteru tat-Trinità ma kienx meħtieġ li jingħad li ġej minn "demonism". Ir-Reliġjon in ġenerali, bil-kleru ta' magħha, jissejħu bħala alleati ta' Satana u bħala għedewwa tal-Kristjaneżmu. Il-Kattoliċiżmu ma hux, skond l-awtur, ħlief mezz biex jiġu estorti l-flus. Min hu mal-Papa hu kunsidrat mill-awtur bħala li hu ma' Satana stess;

Dan kollu ma jistax ma jkunx offensiv għas-sentimenti reliġjużi. Ir-Reliġjon, bħala komprendenti "sacred persons or objects", hi ndubbjament vilifikata, u rappreżentata fl-estratti fuq riportati bħala "cheat", biex wieħed juża l-kliem tal-kawża ta' Taylor fuq ċitata, jew, fil-kliem tal-kawża ta' Jacob Ilive (Starkie, Folkard Edit. pag. 596), "spurious and chimerical and a piece of forgery and priestcraft". Ir-rimarki fuq riportati jtendu li jweġġgħu s-sentimenti tal-kredenti billi jipproduċu disprezz tar-reliġjon u l-kleru;

Kwantu għall-"mens rea", għandu jingħad. illi l-imputat, malti, meta bagħat kotba simili lil maltin kattoliċi, f'Malta Kattolika, fejn l-"established religion" hija r-Reliġjon Kattolika, ma setax ma jridx il-konsegwenzi naturali tal-għemil tiegħu, li ċjoè jweġġgħa s-sentimenti reliġjużi ta' ħadd ieħor;

Ingħad a propożitu, fil-ġurisprudenza ingliża, "a party must be considered, in point of law, to intend that which is necessary or natural consequence of that which he does" (Rex vs. Harvey 2 B & C, p. 264). U l-Harris (Wilshere Edit., paġ. 26) jgħid :— "If a man voluntarily does on act from which harm naturally arises, he is deemed to intend harm". Għalhekk xejn ma jiswa lill-imputat li jgħid li hu qassam dawn il-kotba biex—kif qal hu—"idawwal", għaliex hu ma setax, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ma jkunx jaf l-effett li jista' jkollhom dawk il-kotba; u konsegwentement hu preżunt li ried dak l-effett. Dan apparti l-osservazzjoni assennata ta' li Starkie (loc. ċit.) illi "as a matter of discretion and prudence it might be better to leave the discussion of such matters to those who, from their education and habits, are most likely to form correct conclusions..........." Lanqas tiswa biex tneħħi l-"mens rea" l-osservazzjoni tad-difensur fis-sens illi l-kotba (dawk eżaminati u oħrajn) ġew mibgħutin lil nies kolti, u mhux ta' ftit edukazzjoni, u li għalhekk l-imputat ma setax kellu l-intenzjoni li jqarraq lil ħadd ieħor; għaliex jista' jiġi faċilment ribattut illi l-intent ta' min jagħti ruħu għal propaganda simili hu aktar raġġunt jekk titqarraq persuna kolta, li faċili hi stess imbagħad tiġbed magħha oħrajn anqas kolti, milli persuna ta' istruzzjoni skarsa li ma jkollha ebda nfluwenza fuq ħadd ieħor;

Għalhekk din il-Qorti taqbel filli tirritjeni lill-Imputat ħati skond l-akkuża, però fuq il-konsiderandi ġà esposti, li jiddifferixxu għalhekk minn dawk li rriteniet l-Ewwel Qorti f'dan is-sens: fil-fehma tal-Maġistrat, il-fatt li jkun hemm erruri dommatiċi (u kwindi ereżiji) u sentimenti anti-kattoliċi, hu biżżejjed għalbiex ikun hemm ir-reat; l-Imħallef sedenti, inveċe, jirritjeni illi mentri għall-finijiet spiritwali, hemm il-"blasphemia haereticalis" meta "manifestum errorem continet" (ara Bellacosa—Theologiae Moralis Rudimenta, paġ. 43, u Devoti—"Institutionum Canonicarum", Lib.

IV, paġ. 135), u xejn aktar ma hemm bżonn, għall-finijiet però tar-reat ta' "impiousness" jew "blasphemy" "in foro saeculari" hemm bżonn li jkun hemm l-użu ta' kliem "intemperate", ossija "offensive", b'mod li tista' tiġi deżunta l-intenzjoni "to wound the feelings of believers";

Kwantu għall-piena, peress li ma jirriżultax mill-attijiet proċesswali li l-imputat ma kellux sal-lum kondotta tajba, tista' tingħata lilu, għal din id-darba, l-alternativa ta' piena ta' flus; speċjalment billi l-konsenja spontanea tal-kotba li hu għamel lill-Pulizija wriet ċerta resipixxenza fl-imputat;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi—għalkemm għal motivi dversi—tikkonferma s-sentenza appellata u tiċħad l-appell. Il-piena tkun dik tal-multa ta' £25, titħallas żmien tnax-il ġurnata mil-lum. Liema piena hi, minn issa, dikjarata konvertibili (art. 16 l-aħħar proviso Kap. 12), f'każ ta' nuqqas ta' ħlas, fil-priġunerija għal żmien ħmistax-il ġurnata. Tibqa' konfermata l-konfiska. Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb li dawn il-kotba ma jiġrux fl-idejn.